KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 385

It-Tnejn 17 ta’ Frar 2020

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa’ fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Julian Borg (ħareġ fit-8.35pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**385.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

**385.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 384. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**385.2.1** 384.3.4 Is-Sindku qal li wara li intalbu samples tad-disinji, Greenhouse bagħtu xi samples li kienu inħarġu bħala kartolini, peress li s'issa għad ma kellhom l-ebda proġett attwat u għadhom f'fażi ta' applikazzjoni għal proġett. Is-Sindku issuġġerixxa li jista' jiġi propost il-ħajt tal-outdoor gym. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**385.2.2** 384.6.1 Is-Sindku qal li t-tenders qegħdin fil-proċess biex jiġu ppublikati.

**385.2.3** 384.7 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni għal proġett Achievers ġiet sottomessa.

**385.2.4** 384.13.1 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li tixtieq tinforma lill-Kunsil li hi m'għadhiex parti mill-Kumitat tal-Banda San Nikola u għalhekk m'hemmx il-bżonn li tastjeni minn deċiżjonijiet fejn jirrigwardaw l-istess għaqda.

**385.2.5** 384.13.1 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li dak li intqal minnu f'Seduta 383.4.2. ma kienetx insinwazzjoni iżda l-opinjoni tiegħu fuq dak li ġara, u bl-ebda mod ma ried jinsinwa xi ħaġa speċjalment fuq Kunsillier li ma kellux x'jaqsam mal-każ partikolari.

**385.2.6** 384.3.2 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-iskrittura li qed issir riferenza għaliha ma nqratx fis-Seduta, u talbet li tiġi moqrija. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiprovdi kopja tal-Iskrittura. Is-Sindku qara l-kontenut. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li il-kontenut ineħħi l-obligazzjonijiet li għandu l-Kuntrattur lejn il-Kunsill anka jekk jinstabu difetti fix-xogħol li huwa għamel. Is-Sindku wieġeb li ix-xogħol li sar mill-Kuntrattur LBV ġie ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill qabel ma' l-kunsill ikkummissjona kuntrattur ieħor biex jitkompla x-xogħol, u qabel ma ġiet stabbilita s-somma għal pagament.

**385.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**385.3.1** Is-Sindku preżenta petizzjoni ffirmata mir-residenti ta' Triq Ħal Xluq u Triq l-Iskola fejn qegħdin joġġezzjonaw għal proposta mressqa mill-Kunsill biex dawn it-toroq isiru 'one way', u qed jitolbu li ssir laqgħa magħhom biex ikunu jistgħu iressqu l-ħsibijiet tagħhom. Is-Sindku propona li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni nhar it-Tnejn 24 ta' Frar 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija u jiġu mistiedna wkoll ir-residenti tal-inħawi fejn ser jiġu affetwati bil-proposti l-ġodda tat-traffiku. Il-Kunsill unanimament qabel.

**385.3.2** Is-Sindku preżenta stima għal sistema '*on-demand*' kif rikjesta f' Ċirkulari 19/2019 mid-DLG. Wara li kkunsidra l-istima, il-Kunsilliera talbu li jintalbu stimi oħra għas-servizz u li jiġi kkunsidrat xi spiża hemm biex tiġi mantnuta din is-sistema.

385.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Kunsilliera Francine Farrugia kienet ġiet aċċettata biex tirrapreżenta delegazzjoni taż-żgħażagħ mill-Congress of Local and Regional Authorities, għal kungress f'Marzu u f'Ottubru fi Strasbourg. L-ispiża ser tkun finanzjata mill-Council of Europe.

385.3.4 Is-Sindku infurma li b'sejħa mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar għal Proġett b'fondi mill-Unjoni Ewropea f'Sardinia 22-26 ta' April 2020 għal żagħżagħ fil-Kunsill bejn is-17 u l-25 sena, ġew magħżula u aċċettati l-kunsilliera Francine Farrugia u l-impjegata klerikali Martina Galea biex jattendu. Il-ħlas marbut mal-akkomodazzjoni, ikel, transfers ġo Sardinia u żjarat se jkun kopert kollu mill-amministraturi tal-proġett. Il-Sindku propona li l-ispejjeż tat-titjira jiġu finanzjati mill-Kunsill. il-Kunsill unanimament qabel.

385.3.5 Is-Sindku infurma li nhar it-Tnejn 24 ta' Frar 2020 ser isir il-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Anzjanita' Attiva' fis-Siġġiewi. Filwaqt li stieden lill-Kunsilliera biex jattendu għal ftuħ, qal li dan huwa proġett biex anzjani li ma joħorġux minn darhom jew isibuha diffiċli li jmorru x'imkien weħidhom, għandhom jiġu imħeġġa jattendu għal dawn l-attivitajiet, mingħajr irbit, darba fil-ġimgħa. F'dan iċ-ċentru ser isiru attivitajiet varji, sezzjonijiet edukattivi, attivita' fiżika, ħarġiet soċjali u kulturali bl-iskop li l-anzjan iħossu utli u parti mis-soċjeta'.

385.3.6 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Kunsill Nazzjonali Żgħażagħ rigward proġett ta' integrazzjoni TDM2000 bit-titlu TRAIN fejn qed jitolbu laqgħat mal-Kunsill Lokali biex jospitaw laqgħa ta' djalogu internazzjonali li jmiss. Is-Sindku propona li l-laqgħa ssir fl-20 ta' Marzu 2020.

**385.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

385.4.1 Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit staqsiet dwar il-junction fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi qabel taqbad Wied Xkora. Is-Sindku qal li din il-junction kif ukoll l-organizzazzjoni tal-linji tal-parkeġġ qed jiġu ppreparati minn Infrastructure Malta u ser jgħaddihom lill-Kunsill meta jkunu ffinalizzati.

385.4.2 Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet dwar it-tiswija tal-bankina quddiem drive-in fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi u fi Triq Angelo Dorini.

385.4.3 Il-Kunsillier Julian Borg qal r-*road hump* li ġiet installata minn TM fit-tarf tal-bypass int u dieħel minn Ħaż Żebbuġ ħolqot rabja kbira bejn ir-residenti. Huwa qal li għalkemm twaħħlet bl-iskop li trażżan is-sewqan eċċessiv, din qed toħloq bosta problemi oħra fosthom:

- konfużjoni lis-sewwieqa peress li *speed bumps* simili jintużaw sabiex jindikaw li dieħel f'żona ta' 30kph, fejn it-triq hija indikata b'mod ċar li suppost is-sewwieqa jsuqu b'50kph;
- Is-sewwieqa qed jieqfu malli jaslu magħha bil-konsegwenza li jiġi krejat traffiku kbir speċjalment fil-peak hours;
- Tali waqfien f'daqqa qed jikkawża diversi inċidenti ta' *bumper to bumber* minħabba vetturi li jieqfu f'salt x'ħin jindunaw biha;
- Trakkijiet mgħobbija li qegħdin jieqfu qed iwaqqgħu kwantita' ta' materjal, bil-konsegwenza anka li mbagħad jiġi perikoluż speċjalment għal muturi;
- Trakkijiet mgħobbija qegħdin jagħmlu ħsejjes kbar meta jgħaddu minn fuq din l-*ispeed bump* b'konsegwenzi li qed jinħoloq *sound pollution* kbir matul il-ġuranta kollha fit-triq li jgħaddu minnha trakkijiet tista' tgħid il-ħin kollu.

Is-Sindku qal li jaqbel ma' dawn il-punti li ssemmew u propona li ssir talba lil TM biex titneħħa mill-iktar fis. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet dwar il-proposti ta' traffic managament f'dik iż-żona. Is-Sindku qal li għadhom għaddejjin diskuzzjonijiet u ppropona li l-Kunsill jiltaqa fl-24 ta' Frar qabel il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti sabiex jiġu diskussi dawn il-proposti ħalli l-kunsill jista' jagħti feedback lill-Transport Malta.

385.4.4 Il-Kunsillier Julian Borg talab aġġornament fuq attivitajiet li qed jagħmlu l-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ u tat-Tfal. Is-Sindku wieġeb li peress li dawn jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Viċi-Sindku, li llum tinsab assenti, jingħata aġġornament fis-Seduta li jmiss.

385.4.5 Il-Kunsillier Adrian Farrugia saqsa għaliex bozza maqtugħa fiż-żenqa Għar Lapsi għadha ma ssewwietx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li diġa saru tiswijiet mill-Kuntrattur tal-Kunsill, iżda rriżulta li hemm ħsarat ulterjuri min naħa tal-Enemalta. Sar ir-rapport meħtieġ minn naħa tal-kunsill għat-tiswija.

**385.5 Miżura 2: *Strenghtening a Healthy Cultural Identity* (Majjistral Action group)**

Is-Sindku qal li qed timtela l-applikazzjoni għax-xiri ta' numru ta' floodlighting għall-attivita' tal-mixgħela għal Pjazza San Nikola u mat-telgħa ta' Salib tal-Għolja fejn hemm l-istatwi. It-total tal-ispiża huwa ta' €12,500, liema €10,000 ikunu finanzjati mill-iskema u €2,500 mill-fondi tal-Kunsill.
Il-Kunsillier Julian Borg propona li fl-applikazzjoni jiġu inklużi *cable wires protector humps*.

**385.6 Numerazzjoni ta' bibien – Triq Sta. Margerita u Triq Dun manwel Zammit**

Is-Sindku qal li l-Istreet Numbering Unit talbu laqgħa miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv, rigward is-sitwazzjoni ta' Triq Sta. Margerita u d-diffikulta' biex biċċa minnha, tiġi numerata, peress li preżentement hemm numri biss fil-biċċa l-antika. Huwa semma d-diversi proposti mressqa mill-Istreet Numbering Unit.

Wara li l-Kunsill ikkunsidra l-proposti, qabel li l-aħjar soluzzjoni biex jinħoloq l-inqas inkonvenjent possibbli lir-residenti, anka meta tikkunsidra li r-residenti li joqgħodu fl-iktar parti qadima tat-triq huma anzjani, isiru numri ċirkolari fejn preżentament mhux numerat. Is-Sindku qal li din diġa proponiha waqt il-laqgħa iżda ma ġietx aċċettata. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li jekk ma teżisti l-ebda policy li timpedixxi dan, ma nistgħux noħolqu inkonvenjent lir-residenti u f'kull kas ir-residenti għandhom jiġu ikkonsultati. Is-Sindku ppropona li jerġa jiġu kkuntattjati l-Istreet Numbering Unit sabiex jikkonfermaw jekk hemmx *policies* rigward li numri jkunu cirkolari qabel ma l-Kunsill ikompli fuq il-proposti li ġew issuġġeriti waqt dik il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament qabel.

**385.7 Tismija ta' toroq**

Is-Sindku preżenta wkoll is-sitwazzjoni ta' Triq Ramija, fejn tinfetaħ f'ħafna friegħi, u l-proposta tal-Istreet Numbering Unit hija li kull *'stretch of road'* tingħata isem differenti. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li peress li qatt ma rċieva ilmenti mingħand ir-residenti f'dan ir-rigward u allura s-sitwazzjoni preżenti ma toħloqx problemi partikolari, it-triq tibqa kif inhi.

Is-Sindku semma il-biċċa triq minn Triq Santa Margerita sa Triq Dun Manwel Zammit fejn bħalissa hemm tlett idjar biex tingħata isem. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ikunu kkonsultati r-residenti qabel issir xi proposta mill-Kunsill għal isem ġdid.

**385.8 Ftehim – Ġbir ta' Skart organiku (Wasteserv)**

Is-Sindku infurma li l-ftehim mal-Wasteserv Malta Ltd. għal ġbir ta' skart organiku kien skada u propona li dan jiġi mġedded għas-sena 2020 bl-istess kundizzjonijiet.
Il-Kunsill unanimament qabel.

**385.9 Arranġament tat-Traffiku – Triq ta' Karlozzu**

Is-Sindku ressaq il-proposta li Triq Ta' Karlozzu tiġi one way. Huwa semma wkoll li ġew reġistrati diversi ilmenti dwar periklu minħabba li din it-triq dejqa wisq u ma tippermettix li tkun *two way*. Il-Kunsillier Julian Borg qal li trid tikkunsidra li jekk vetturi u trakkijiet jiġu ddevjati lejn Triq Karmenu Vassallo u Triq il-Muża dan ħa jkollu r-riperkussjonijiet tiegħu. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li hemm bżonn parir t'espert biex jiġi evalwat l-influss tat-traffiku fil-Kirċippu kif ukoll jekk Triq Karlozzu tiflaħx għall traffiku tat-trakkijiet. Għalhekk is-Sindku propona li l-Perit tal-Kunsill għandu jevalwa din it-triq u jagħti s-suġġerimenti tiegħu fuq dan ir-rigward. Il-Kunsill unanimament qabel.

**385.10** **Jum is-Siġġiewi 2020**

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li din is-sena, ġie pjanat li bħala kommemorazzjoni ta' Jum is-Siġġiewi, isiru attivitajiet mifruxa fuq xahar għal familja kollha. Il-programm ta' attivitajiet propost huwa hekk:

Il-Ħadd l-1 ta' Marzu 2020 Jum is-Siġġiewi fil-11.00am fil-Knisja Arċipretali
Quddiesa ta' ringrazjament bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal

It-Tnejn 2 ta' Marzu 2020 fl-Iskola Primarja
*Special assembly* mal-tfal tal-Iskola

Is-Sibt 7 ta' Marzu 2020 fid-9.30am f'Ta' Brija
Taħwil ta' siġar endemiċi u tindif fl-inħawi bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Ambjent u Infrastructure Malta.

Il-Ħadd 8 ta' Marzu 2020 fl-10.30am fi Pjazza San Nikola
Tberik tal-annimali u wara mixja bil-klieb bil-koordinament tal-Kunsilliera Francine Farrugia

Il-Ħadd 8 ta' Marzu 2020 fis-6.30pm fl-Iskola Primarja
Serata ta' kommemorazzjoni u Għoti tal-unur Onoreficenza Mertu Siġġiewi, taħt il-Patronċinju tal-President ta' Malta, it-Tabib George Vella.

Fil-15 ta' Marzu 2020 fl-10.30am, tluq minn Pjazza San Nikola
*Treasure Hunt* bil-koordinazzjoni tal-Viċi-Sindku u bil-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali Żgħażagħ u Tfal

Il-Ħadd 28 ta' Marzu 2020 fid-9.00am fl-Isport Complex John Debattista
Attivitajiet sportivi għal kulħadd bil-parteċipazzjoni tas-Siġġiewi Football Club u s-Siġġiewi Basketball Club. Ser ikun hemm xi logħol bl-involviment tal-Membri Parlamentari u Kunsilliera. Qed isir kuntatt mal-bank tad-demm, u ser ikun hemm inizjattivi relatati mas-saħħa b'kollaborazzjoni ma' studenti tal-mediċina fejn ser jagħmlu testijiet taz-zokkor u pressjoni.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed taħdem flimkien mas-Sindku għal inizjattiva ta' kompetizzjoni tat-tpenġija għat-tfal bil-kollaborazzjoni mal-Animal Welfare, fejn it-tfal ipinġu '*posters*' b'tema posittiva favur l-ambjent u jistgħu jintużaw bħala tabelli fil-lokal.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li għall-programm tas-Serata tal-Ħadd 8 ta Marzu huwa propost: Daqq bil-pjanu, akkumpanjat minn kant, qari ta' siltiet u poeżiji, preżentazzjoni tal-Unur mill-President, daqq tal-Innu Malti u wara riċeviment. Il-programm għadu qed jiġi finalizzat.

Il-Kunsill unanimament approva il-programm kif propost.

**385.11** **Onoreficenza Mertu Siġġiewi 2020 – Nominazzjonijiet**

Is-Sindku ressaq is-sitt ismijiet innominati mill-Kunsilliera, li huma dawn:

Is-Siġġiewi Football Club
Il-Wisq Reverendu Monsinjur Richard Borg
L-Ex Kunsillier Nicholas Cassar
L-Ex Sindku Dr. Robert Musumeci
Il-Prof. Roderick Pace
L-Ex Kunsillier it-Tabib Mark Anthony Vassallo

Is-Sindku ressaq dawn l-ismijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit issekondat. Il-Kunsill unanimament approva li l-Unur Onoreficenza Mertu Siġġiewi għas-sena 2020 jingħata lin-nominati.

Il-Kunsillier Julian Borg ħareġ fit-8.35pm.

**385.12** **Approvazzjoni tal-Business Plan**

Is-Sindku preżenta kopja tal-Business Plan għas-sena 2019-2023. Huwa ta' spjega ta' l-infiq kif inhu pjanat għas-snin li ġejjin u għad-diversi *committments* li l-Kunsill għandu tramite diversi skemi, kuntratti u obbligazzjonijiet oħra.

Is-Sindku propona li l-Business Plan jiġi approvat.
Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda.
Il-Kunsill unanimament approva.

**385.12.1** **Approvazzjoni tal-*Financial statements* Ottubru-Diċmebru 2019**

Is-Sindku preżenta kopja tal-FS tar-raba' kwart tas-sena u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni taċ-ċifri u qalet li l-Kunsill għalaq is-sena b'surplus sostanzjalment qawwi. Dan huwa dovut għal ammont ta' skemi li l-Kunsill applika għalihom u li b'dawn il-fondi seta jatwa diversi proġetti, oltre l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-*Finanzial Statements* kif preżentati.
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit isskondat.
Il-Kunsill unanimament approva.

**385.13** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit ġibdet l-attenzjoni fuq dawn it-tlett applikazzjonijiet:
PA00418/20 (Tad-Debbiet)
PA/0330/20 (Tal-Bandlieri, Ta' l-Għolja),
PA/00807/20 (Triq ta' Għar Lapsi)

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tintalab iktar informazzjoni u *photomontages* ta' dawn l-applikazzjonijiet.

**385.14** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondeza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**385.14.1** Is-Sindku qara ittra mingħand is-Siġġiewi Festival Brass Band rigward il-każ imsemmi fil-Minuti preċedenti tal-kiri tas-Sala tal-Każin banda San Nikola għal attivita' relatata ma' Pjazza Milied. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat risposta bir-raġunijiet għaliex inkriet din is-sala biex b'hekk tiġi ċċarata din is-sitwazzjoni.

**385.14.2** Is-Sindku qara wkoll korrispondenza mill-Għaqda Każini tal-Banda fuq l-istess suġġett. Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li hi tiddisassoċja ruħha mir-risposta li ser tintbagħat u ma terfax responsabilta' ta' azzjoni li għamel ħaddieħor.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li x-xogħol tal-Kunsill huwa delikat ħafna speċjalment fejn jidħlu għaqdiet, u l-organizzazzjoni għandna ssir b'mod pjanat, bi *briefings* u dettalji ħalli kulħadd ikun infurmat x'sa jsir. B'hekk jiġu evitati piki u kwistjonijiet inutli.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li minflok ittra bir-raġunijiet, għandha tintbagħat ittra ta' apoloġija u kopja tal-Minuti relatati.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li fil-passat sar kull sforz possibbli biex iż-żewġ każini tal-baned jingħaqdu, saħansitra kienu daqqew flimkien fl-istess okkażjoni ta' Jum is-Siġġiewi, imbgħad issir azzjoni hekk minn naħa tal-Kunsill li tkisser kull ma sar u toħloq firda.

Is-Sindku qal li jinsab dispjaċut jekk kien hemm xi forma ta' '*misunderstanding*' f'li ġara u bl-ebda mod ma kienet l-intenzjoni li jinħoloq xi disgwid bejn l-għaqdiet. Anzi il-kunsill dejjem jaħdem sabiex ikun hemm aktar għaqda u armonija bejn l-għaqdiet tar-raħal.

**385.15 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**385.16 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**385.17 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**385.17.1** Il-kunsillier Dominic Grech talab li jinqata' l-qasab li qed jagħlaq l-aċċess għal bdiewa fit-trejqa ħdejn iċ-ċimiterju.

**385.17.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet dwar ilment li ilu żmien dwar l-inkonvenjent maħluq minn ipparkjar ta' tlett vetturi fi Pjazza san Nikola biex jintrefa post għal *hawker* partikolari li jkun hemm nhar ta' Sibt. Hija talbet il-possibilita' li ssir applikazzjoni għal tabella ta' parkeġġ riservat nhar ta' sibt, biex almenu jitneħħa l-iskariġġ ta' matul il-ġimgħa.

**385.17.3** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li ma ttieħdet l-ebda azzjoni dwar materjal mitfuħ ġo għalqa privata minn kuntrattur waqt ix-xogħlijiet minn IM fi Triq Tal-Lawrenti.

**385.17.4** Huwa staqsa wkoll dwar it-tiswija tal-bankina quddiem residenza fi triq Blat il-Qamar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan ix-xogħol kien sar.

**385.17.5** Il-Kunsillier Grech staqsa dwar lampa li ilha mitfija xhur fi Triq Ġużeppi Busuttil u lampa f'tax-Xurraf.

**385.17.6** Il-Kunsillier Grech talab biex issir applikazzjoni għal *crash barrier* quddiem id-dar st. Rita fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi peress li hija *accident black spot* u periklu għal min joqgħod hemm.

**385.17.7** Huwa qal li hemm wires tad-dawl imdendla bil-baxx quddiem id-dar Sacret Heart, Triq Salvu Curso.

**385.17.8** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-arbli tad-dawl f'nofs il-bankina fi triq il-Muża għadhom ma ġewx spustjati.

**385.17.9** Il-kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm xi madum quddiem residenza f'Binja Ramija li tela u jrid jitranġa qabel iweġġa xi ħadd.

**385.17.10** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet biex jinbidel is-sinjal taż-żebra crossing quddiem l-oratorju, u l-mera fi Triq id-Difa u ssir mera ġdida fi triq Blat il-Qamar faċċata ta' Triq is-Salib.

**385.17.11** Hija talbet li jitranġaw is-siġar quddiem il-park ta' Għar lapsi u l-possibilita' li jiżdiedu, u li jsir *patching* quddiem iċ-ċentru Santissima Trinita' fi Triq il-Muża.

**385.17.12** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li meta jrisu attivitajiet fi stabbilment fil-Bypass, qed ikun hemm abbuż kbir ta' parkeġġ fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, anka fuq il-bankina u fuq iż-żebra crossing. Hija qalet ukoll li jinġabru gruppi fil-ġnien ta' wesgħat il-Palazz u jħallu kwantita' kbira ta' fliexken tal-ħġieġ fil-ħamrija u żibel ieħor. Hija talbet biex tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija dwar dan.

**385.18** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.15 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 9 ta' Marzu 2020

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv